

Brussell, 20 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10325/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0258 (COD)

UD 134
ENFOCUSTOM 129
MI 487
COMER 60
TRANS 278
ECOFIN 637
CODEC 1129

PROPOSTA

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 12 ta' Ġunju 2018

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-
Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2018) 474 final

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL li jstabbilixxi l-istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta'
kontroll doganali bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 474 final.

Mehmuż: COM(2018) 474 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 12.6.2018
COM(2018) 474 final

2018/0258 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi l-istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali
bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri**

{SWD(2018) 347} - {SWD(2018) 348} - {SEC(2018) 315}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat pakkett dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2021 sal-2027¹. Il-Kummissjoni pproponiet baġit ġdid, modern u fit-tul strettament orjentat lejn il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni ta' 27. Il-baġit propost iwaħħad l-istrumenti l-ġodda ma' programmi mmodernizzati biex jintlaħqu b'mod effiċjenti l-prijoritajiet tal-Unjoni. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qed tipproponi li jiġi stabbilit Fond ġdid għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fl-intestatura tal-baġit imsejħa "Il-migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri". Dan il-Fond il-ġdid għandu l-għan li jipprovdi appoġġ vitali u msaħħaħ lill-Istati Membri biex l-Unjoni jkollha fruntieri esterni komuni sikuri.

Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri se jikkontribwixxi biex tkompli tiġi żviluppata l-politika komuni dwar il-viżi u biex l-Istati Membri jimplimentaw il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri sabiex jgħin biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni irregolari u biex jiġu ffaċilitati l-ivvjaġġar u l-kummerċ leġittimi. Il-finanzjament irid ikompli jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom f'dawn l-oqsma u jtejbuhom u biex dawn isaħħu l-kooperazzjoni, fosthom mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni. Il-Fond se jikkontribwixxi wkoll biex jiżgura li l-kontrolli doganali jitwettqu b'mod iktar uniformi mal-fruntieri esterni billi jindirizza l-iżbilanċi li hemm bħalissa fost l-Istati Membri minħabba d-differenzi ġeografiċi u d-differenzi fil-kapaċitajiet u fir-riżorsi disponibbli. F'dak il-qafas, il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) li qed jiġi propost se jkun magħmul minn strument ta' appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi u minn strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali.

Din il-proposta tittratta biss l-istrument marbut mat-tagħmir ta' kontroll doganali. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni qed tressaq ukoll proposta oħra separata dwar l-istrument marbut mal-ġestjoni tal-fruntieri u mal-viżi.

Din il-proposta tipprevedi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, b'konformità man-notifika tar-Renju Unit li beħsiebu jirtira mill-Unjoni Ewropea u mill-Euratom abbażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li l-Kunsill Ewropew irċieva fid-29 ta' Marzu 2017.

Il-programm pluriennali ta' azzjoni għad-dwana (il-programm Dwana), li ilu jeżisti sa mill-1991², jippermetti finanzjament xieraq tal-azzjonijiet ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali b'rabta mas-sistemi elettroniċi kif ukoll mal-bini tal-kapaċità amministrattiva u jikkomplementa sew l-inizjattivi u l-investimenti nazzjonali f'dan il-qasam. Madankollu, huwa ma jipprevedix il-possibbiltà li jiġi ffinanzjat it-tagħmir li jintuża biex isiru l-kontrolli

¹ COM(2018) 322 final.

² Il-programm Dwana twaqqaf fl-1991 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 1991 dwar l-adozzjoni ta' programm ta' azzjoni Komunitarja dwar it-taħriġ vokazzjonali tal-uffiċjali tad-dwana (il-programm Matthaëus) [traduzzjoni mhix uffiċjali], u wara ġie sostitwit bis-serje sħiħa tal-programm Dwana li ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni Nru 210/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 li tadotta programm ta' azzjoni għad-dwana fil-Komunità (imsejjaħ "Dwana 2000") [traduzzjoni mhix uffiċjali] u l-programmi suċċessuri tiegħu li ġew stabbiliti bid-Deċiżjoni Nru 105/2000/KE, bid-Deċiżjoni Nru 253/2003/KE, bid-Deċiżjoni Nru 624/2007/KE u bir-Regolament (UE) Nru 1294/2013.

doganali fil-fruntieri esterni tal-UE, u l-mezzi għal dan il-finanzjament. Sa issa, fil-livell tal-UE ngħata biss appoġġ marġinali għal din il-ħtieġa permezz ta' strumenti oħrajn (jiġifieri permezz tal-programm Erkole III³, tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforri Strutturali⁴ u tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej⁵).

Waqt in-negozjati dwar il-proposta marbuta mal-programm Dwana 2020 fil-Kunsill, l-Istati Membri talbu lill-Kummissjoni twettaq “analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tat-tagħmir ta' rilevament u t-teknoloġija relatata biex jiġi ffaċilitat l-akkwist ta' għodod moderni għall-kontroll tad-dwana mill-awtoritajiet doganali wara l-2020”. Din it-talba ddaħħlet fil-premessa 4 tar-Regolament (UE) Nru 1294/2013 li jistabbilixxi l-programm Dwana għall-2014 sal-2020. Barra minn hekk, fit-23 ta' Mejju 2017, il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tiegħu⁶ li fihom stieden “lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport, mhux aktar tard minn nofs l-2018, dwar l-għoti tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jinxtrow l-għodod xierqa għall-kontrolli tad-dwana (...)”, inkluż il-possibbiltà li talloka dawn ir-riżorsi permezz ta' fond wieħed.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-Istati Membri kemm-il darba tennew li għandhom bżonn ta' appoġġ finanzjarju b'rabta mat-tagħmir ta' kontroll doganali u talbu li ssir analiżi fil-fond tal-kwistjoni waqt il-laqgħat tal-Grupp tal-Politika Doganali⁷.

Bi tweġiba għal dawk it-talbiet, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2016 imsejħa “Żvilupp tal-Unjoni Doganali tal-UE u l-Governanza tagħha”⁸, il-Kummissjoni rrikonoxxiet din il-kwistjoni u ħabbet li se tqis u tevalwa l-possibbiltà ta' finanzjament tal-ħtiġijiet tat-tagħmir mill-programmi finanzjarji tagħha futuri fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-programm Dwana. Wara dan, f'Marzu tal-2017 il-Kunsill ħareġ il-konklużjonijiet tiegħu dwar il-finanzjament doganali, li fihom reġa' tenna “l-ħtieġa (...) li l-UE u l-Istati Membri tagħha jirreaġixxu għall-globalizzazzjoni tal-kummerċ u l-globalizzazzjoni simultanja tal-kriminalità u jlaħħqu magħhom, kif ukoll ilaħħqu mat-theddidiet sussegwenti li jitolbu li jkun hemm tagħmir adattat li jappoġġa l-funzjonament effettiv tal-Unjoni Doganali; [u] ta' fondi biex l-Awtoritajiet Doganali jkunu armati bit-tagħmir tekniku meħtieġ għat-twettiq ta' kontrolli tal-oġġetti li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-UE”.

Għalhekk il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex, sa tmiem l-2017, “tqis u tevalwa l-possibbiltà tal-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' tagħmir tekniku minn programmi finanzjarji futuri

³ Ir-Regolament (UE) Nru 250/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi programm għall-promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (il-programm Erkole III) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 6).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riforri Strutturali għall-perjodu mill-2017 sal-2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013 (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1).

⁵ https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/funding-opportunities/funding-programmes/overview-funding-programmes/european-structural-and-investment-funds_mt.

⁶ <https://www.consilium.europa.eu/media/22301/st09581en17-vf.pdf> u

<http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7586-2017-INIT/mt/pdf>.

⁷ Il-Grupp tal-Politika Doganali huwa grupp ta' esperti li l-Kummissjoni stabbiliet biex jagħtiha pariri dwar kwistjonijiet marbutin ma' kwistjonijiet strateġiċi tal-politika doganali, biex jimmonitorja l-iżvilupp ta' diversi aspetti tal-politika doganali u biex jiffaċilita l-iskambju tal-fehmiet fost l-Istati Membri. Għal iktar informazzjoni ara s-sit web li ġej: <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetail&groupID=944&Lang=MT>.

⁸ COM(2016) 813 final.

tal-Kummissjoni; (...) [u] ittejjeb il-koordinazzjoni, u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Doganali u awtoritajiet oħrajn tal-infurzar tal-liġi għal skopijiet ta' finanzjament permezz ta' sħubija aħjar fil-livell tal-UE”.

Il-Parlament Ewropew ukoll qies, f'diversi riżoluzzjonijiet tiegħu, li “l-Unjoni Doganali hija l-pedament tal-Unjoni Ewropea u wieħed mill-akbar blokki kummerċjali fid-dinja, u (...) hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku għall-benefiċċju kemm tan-negozji tal-UE kif ukoll taċ-ċittadini tagħha”⁹. Għalhekk, huwa wkoll stieden lill-Kummissjoni “[tfassal] strateġija ċara, koerenti u ambizzjuża u skeda ta' żmien biex jiġi żgurat li kwalunkwe element li huwa meħtieġ għall-infurzar tas-sistemi doganali tal-UE huwa kopert minn proposti xierqa li huma allinjati ma' u tajbin għall-evoluzzjoni attwali tal-kummerċ globali u għall-implimentazzjoni tal-aġenda tal-politika kummerċjali tal-UE”. L-għan speċifiku ta' dan l-istrument li jikkontribwixxi għal kontrolli doganali adegwati u ekwivalenti permezz tax-xiri, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament tat-tagħmir ta' kontroll doganali jwieġeb eżattament għal din it-talba.

L-istrument il-ġdid li qed jiġi propost għat-tagħmir ta' kontroll doganali għandu l-għan li jtejjeb l-ekwivalenza tat-twertiq tal-kontrolli doganali fl-Istati Membri sabiex il-flussi tal-oġġetti ma jintbagħtux lejn l-iktar punti dgħajfa. Intervent tal-Unjoni li jkun iddedikat għat-tagħmir ta' kontroll doganali se jippermetti li jiġu appoġġati x-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir eliġibbli ta' rilevament għall-kontrolli doganali f'sens wiesa'. L-istrument se jkopri wkoll it-tagħmir ta' rilevament li jintuża għall-finijiet tal-kontroll li jmur lil hinn mill-kontrolli doganali, dejjem jekk dawn tal-aħħar jibqgħu l-għan ewlieni tat-tali tagħmir.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija konsistenti għalkollox mal-għanijiet tal-Unjoni Doganali u se tikkontribwixxi biex jintlaħqu dawk l-għanijiet. Huwa tassew importanti li jiġu żgurati kontrolli doganali ekwivalenti fil-fruntieri esterni tal-UE sabiex il-flussi tal-oġġetti ma jintbagħtux lejn l-iktar punti dgħajfa. Dan mhuwiex importanti biss minħabba l-funzjoni tradizzjonali tad-dwana li tiġbor id-dħul, iżda wkoll biex ikunu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza. Fl-istess ħin, dawn il-kontrolli li jirregolaw il-moviment tal-oġġetti fil-fruntieri esterni ma għandhomx ifixklu l-kummerċ leġittimu, iżda jiffaċilitawh. Madankollu, bħalissa hemm żbilanċi li ġejjin, b'mod parzjali, mid-differenzi fil-kapaċitajiet u fir-riżorsi li l-Istati Membri differenti għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Il-ħila tagħhom li jwieġbu għall-isfidi li ġejjin minn mudelli kummerċjali u ktajjen tal-valur dinjija li qed jevolvu l-ħin kollu ma tiddependix biss fuq l-element uman, iżda wkoll fuq id-disponibbiltà ta' tagħmir ta' kontroll modern u affidabbli.

L-istrument propost se jikkumplimenta l-azzjonijiet previsti fil-kuntest tal-programm Dwana. B'mod partikolari, l-istrument marbut mat-tagħmir ta' kontroll doganali se jappoġġa biss ix-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir eliġibbli, filwaqt li l-programm Dwana se jappoġġa l-azzjonijiet kollha relatati magħhom, bħall-azzjonijiet ta' kooperazzjoni biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet tat-tagħmir jew it-taħriġ dwar it-tagħmir mixtri, meta dan ikun xieraq.

⁹ Ara, pereżempju, ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-indirizzar tal-isfidi tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (2016/3024(RSP)).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti għalkollox mal-politiki tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà u s-sikurezza. Sa minn meta twaqqfet l-Unjoni Doganali, ir-rwol tal-awtoritajiet doganali fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni nbidel ħafna u r-responsabbiltajiet tagħhom issa jmorru ferm lil hinn mir-rwol tradizzjonali tagħhom li jissorveljaw u jiffaċilitaw il-kummerċ tal-UE u li jħarsu l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tagħha. Ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet doganali fil-qasam tas-sigurtà u tas-sikurezza qegħdin tabilħaqq jiżdiedu dejjem iktar. Madankollu, din ir-realtà l-ġdida ma tolgotx biss lill-awtoritajiet doganali iżda tolgot ukoll lil aġenziji u lil dipartimenti oħrajn bħall-pulizija, il-gwardjani tal-fruntiera, l-awtoritajiet tas-saħħa u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur. Billi tiffinanzja tagħmir b'diversi użi (għall-kontroll doganali, għall-kontroll tal-fruntieri u għas-sigurtà), filwaqt li żżomm il-kontroll doganali bħala l-għan ewlieni, din il-proposta se tippermetti li l-baġit tal-Unjoni jkollu l-ikbar impatt possibbli billi tappoġġa l-qsim konġunt tat-tagħmir ta' kontroll u l-interoperabbiltà tiegħu u, b'hekk, tippromwovi wkoll il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji bħala komponent tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri bejn il-partijiet ikkonċernati kollha (l-awtoritajiet doganali, il-gwardjani tal-fruntiera, eċċ.), kif imsemmi fl-Artikolu 4(e) tar-Regolament (UE) 2016/1624¹⁰.

Se jkun hemm sinerġiji bejn il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi, li għandu l-għan speċifiku li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u l-istrument marbut mat-tagħmir ta' kontroll doganali, li jappoġġa l-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Doganali u b'hekk jikkontribwixxi biex jipproteġi l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Għalhekk, kull wieħed minn dawk il-programmi se jkun jiffoka fuq xi ħaġa differenti, iżda se jkun hemm il-potenzjal għal azzjoni kumplimentari bejniethom.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri flimkien mar-Regolament (UE) .../2018 li jistabbilixxi l-istrument ta' appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi. Minħabba l-firxa wiesgħa ta' għanijiet li ż-żewġ strumenti jridu jkopru, hemm bżonn ta' bażijiet differenti mit-Trattat. Għalhekk, mhuwiex possibbli mil-lat legali li l-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri jiġi stabbilit bħala programm wieħed ta' nfiq. Għaldaqstant qed jiġi propost li l-Fond jiġi stabbilit bħala qafas komprensiv ta' finanzjament magħmul minn żewġ proposti settorjali speċifiċi – u din il-proposta hija waħda minnhom.

B'rabta ma' din il-proposta, minħabba li t-tagħmir ta' kontroll doganali jista' jkollu diversi għanijiet differenti iżda li jkunu relatati ma' xulxin, għall-finanzjament ta' dan it-tagħmir jeħtieġ li jingħaqdu flimkien diversi bażijiet ġuridiċi, li huma dawn li ġejjin:

- l-Artikolu 33 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), li jitlob lill-Unjoni tiegħu azzjoni b'rabta mal-kooperazzjoni doganali u mal-Unjoni Doganali tal-UE;
- l-Artikolu 114 tat-TFUE, li jitlob lill-Unjoni tiegħu azzjoni b'rabta mas-suq intern; u

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

- l-Artikolu 207 tat-TFUE, li jitlob lill-Unjoni tieġu azzjoni b'rabta mal-politika kummerċjali komuni.

L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata wkoll mill-obbligi li ġejjin mill-ftehimiet internazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Għalkemm l-Unjoni Doganali hija qasam ta' kompetenza esklużiva b'livell għoli ta' armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, l-implimentazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni hija f'idejn l-Istati Membri individwali. Għalhekk kull Stat Membru jistabbilixxi huwa stess il-mezzi li jalloka għall-kontrolli doganali, fosthom it-tagħmir.

Madankollu, bħalissa hemm żbilanċi bejn l-Istati Membri li ġejjin anke mid-differenzi ġeografiċi ta' bejniethom. L-Istati Membri għandhom riżorsi differenti għat-tagħmir ta' kontroll doganali tagħhom u ħtiġijiet differenti marbutin miegħu, skont in-natura tal-fruntiera esterna tagħhom. Pereżempju, il-portijiet il-kbar b'volumi kbar ħafna joħlqu dħul ikbar li, min-naħa tiegħu, iżid l-ammonti li l-awtoritajiet doganali jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex ikopru l-kostijiet tal-ġbir tagħhom u fl-istess ħin jippermetti sinerġiji fl-użu tat-tagħmir. Il-fruntieri twal fuq l-art b'ħafna punti tal-qsim tal-fruntiera żgħar għall-kummerċ, li jkollhom bżonn ħafna materjal u tagħmir biex ikunu mgħammra u jkunu jistgħu jitħaddmu għalkollox, joħlqu inqas dħul u, b'hekk, l-awtoritajiet doganali jkollhom inqas riżorsi għad-dispożizzjoni tagħhom biex ikopru l-kostijiet tal-ġbir tagħhom. L-azzjonijiet eżistenti tal-Unjoni wrew li huma limitati u li mhumiex sodisfaċenti. Barra minn hekk, hemm ir-riskju li jekk ma titteħidx azzjoni fil-livell tal-UE b'rabta ma' dawn l-iżbilanċi, jiggravaw it-tensjonijiet politiċi li qed ifeġġu u fl-aħħar mill-aħħar jiżdied ir-riskju li jinħolqu possibbiltajiet għaċ-ċittadini jew għall-operaturi ekonomiċi b'intenzjoni ħażina li jużaw l-iktar punti dgħajfa tal-qsim tal-fruntiera.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. Hija tissejjes fuq element ta' ċentralizzazzjoni, jġigifieri l-ħolqien ta' task forces magħmulin mill-Istati Membri li flimkien jivvalutaw il-ħtiġijiet marbutin mat-tagħmir u jidentifikaw l-aqwa standards komuni għat-tagħmir, sabiex tippromwovi x-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament ta' tagħmir minimu omoġenju jew issimplifikat għall-kontroll doganali fil-fruntieri tal-Unjoni. Hija tħalli d-deċiżjoni aħħarija dwar ix-xiri mbaġħad f'idejn l-Istati Membri individwali, fil-limiti tal-ftehim tal-għotja.

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-istrument, skont l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (it-TUE), il-Kummissjoni għandha teżerċita l-funzjonijiet ta' koordinazzjoni, ta' eżekuzzjoni u ta' ġestjoni kif stabbilit fit-Trattati.

- **Għażla tal-istrument**

B'konformità mal-konklużjoni tal-valutazzjoni tal-impatt rilevanti, huwa xieraq li jkun hemm intervent tal-UE permezz ta' strument ta' finanzjament. Il-Kummissjoni qed tippromovi strument ġdid marbut mat-tagħmir ta' kontroll doganali li se jkun jiffirma parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-forma ta' Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Minħabba li l-istrument marbut mat-tagħmir ta' kontroll doganali huwa inizjattiva ġdida, ma jistax jibbenefika direttament mit-tagħlim miksub mill-evalwazzjonijiet tal-esperjenza fl-imgħoddi. Madankollu, l-isfidi u l-ħtiġijiet fil-qasam tat-tagħmir ta' kontroll doganali ġew eżaminati fil-kuntest ta' studju dwar il-programm Dwana għal wara l-2020, li tqabbd jagħmlu kuntrattur estern. B'mod partikolari, sar stħarriġ apposta u saru intervisti u studji tal-każijiet speċifiċi. Barra minn hekk, bejn l-10 ta' Jannar 2018 u d-9 ta' Marzu 2018 saret konsultazzjoni pubblika ġenerali miftuħa dwar il-fondi tal-UE fl-oqsma tal-investment, tarriċerka u tal-innovazzjoni, tal-intrapriżi żgħar u medji u tas-suq uniku, li kienet tittratta, fost l-oħrajn, l-aspetti doganali. L-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja lil din il-proposta jagħti sommarju ta' dawn il-kontributi kollha.

Dawn l-attivitajiet kollha kkonfermaw il-ħtieġa li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni u stennew valur miżjud Ewropew qawwi. Fil-fatt, il-volumi tal-prodotti li qegħdin dejjem jiżdiedu, kif ukoll il-ħtieġa dejjem ikbar ta' kontrolli effiċjenti u rapidi mal-fruntiera, jissejsu mhux biss fuq il-funzjoni tradizzjonali tad-dwana li tiġbor id-dħul, iżda wkoll fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ bil-kbir il-kontroll tal-oġġetti li jidħlu mill-fruntieri esterni tal-UE u li joħorġu minnhom biex ikunu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza. Fl-istess ħin, dawn il-kontrolli li jirregolaw il-moviment tal-oġġetti fil-fruntieri esterni ma għandhomx ifixklu l-kummerċ leġittimu, iżda jiffaċilitawh. It-tagħmir ta' kontroll doganali huwa element essenzjali biex jintlaħqu dawn l-għanijiet u għalhekk hemm bżonn urġenti li jiġi previst strument apposta tal-Unjoni li jkollu l-għan li jindirizza l-iżbilanċi li hemm bħalissa u b'hekk jiżgura li r-regoli doganali jiġu applikati b'mod uniformi mal-fruntiera tal-UE.

• Valutazzjoni tal-impatt

Din il-proposta għandha l-appoġġ ta' valutazzjoni tal-impatt li tkopri b'mod konġunt il-proposti dwar il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, dwar il-Fond għas-Sigurtà Interna u dwar il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, li jinkludi lil dan l-istrument u lill-istrument ta' appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi.

Fit-13 ta' April 2018, il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju ta opinjoni pożittiva dwar il-valutazzjoni tal-impatt u rrakkomanda li tingħata spjegazzjoni iktar fid-dettall tal-istrument il-ġdid għat-tagħmir ta' kontroll doganali, fosthom dwar kemm hu xieraq li dan jiġi ġestit b'mod dirett. Dan l-aspett tqies fl-aħħar verżjoni tal-valutazzjoni tal-impatt, li fiha ngħataw kjarifiki dwar dan kemm fit-test innifsu, kif ukoll f'Anness apposta – l-Anness 6, li kien jittratta l-istruttura ġenerali tal-istrument.

L-għażla ewlenija li ġiet ivvalutata kellha x'taqsam, fil-fatt, mal-mod ta' ġestjoni, jiġifieri ma' jekk ix-xiri, il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tat-tagħmir ta' kontroll doganali li l-istrument ikopri kellhomx jissejsu fuq l-għoti ta' għotjiet lill-awtoritajiet nazzjonali jew fuq il-ġestjoni kondiviża. Id-diskussjonijiet ma' servizzi oħrajn tal-Kummissjoni li jimplementaw il-ġestjoni kondiviża wrew biċ-ċar li, minbarra li din it-tip ta' ġestjoni hija kumplessa, mhix se tipprovdi l-koerenza ġenerali u l-koordinazzjoni transfruntiera meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali jkun jistgħu jiżguraw livell ekwivalenti ta' kontroll fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, minħabba li, fil-kuntest tal-ġestjoni kondiviża, ma jkunx hemm kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għax kull wieħed minnhom jabbozza l-pjan nazzjonali tiegħu huwa stess b'mod indipendenti, din ma tħeġġiġx il-qsim tal-esperjenzi u l-iskambju tal-għarfien espert u tal-

aqwa Prattiki, li huma benefiċċji importanti li wieħed jistenna li jkollu dan l-intervent għal applikazzjoni uniformi tar-regoli doganali tal-UE.

Għaldaqstant, l-għażla ppreferuta kienet il-ġestjoni diretta permezz tal-ġhoti ta' għotjiet lill-awtoritajiet nazzjonali. Fil-fatt, l-intervent il-ġdid tal-UE għandu l-għan li jindirizza l-iżbilanċi li hemm bħalissa fost l-Istati Membri u li jiżgura li l-kontrolli doganali jitwettqu b'mod ekwivalenti fl-Unjoni Doganali kollha. Naturalment, dan l-għan jeżiġi koordinazzjoni li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, li tista' tintlaħaq bl-aħjar mod permezz ta' approċċ iċċentralizzat ġestit b'mod dirett. Minħabba li jenħteġ li l-awtoritajiet nazzjonali – u mhux l-Unjoni, ikompli jkunu s-sidien diretti tat-tagħmir li jużaw biex iwettqu dmirijietom mal-fruntieri tal-UE, l-intervent tal-UE se jieħu l-forma ta' għotjiet lill-Istati Membri bħala appoġġ għax-xiri, għall-manutenzjoni u għall-evoluzzjoni tat-tagħmir ta' kontroll doganali skont standards iddefiniti minn qabel għal kull tip ta' frontiera. Barra minn hekk, il-ġestjoni diretta hija l-mekkaniżmu eżekuttiv għall-azzjonijiet eżistenti fil-qasam doganali, kemm fil-kuntest tal-programm Dwana u kemm fil-kuntest tal-programm Erkole III. Dan huwa wkoll approċċ adattat minħabba li se jkun jinvolvi biss għadd limitat ta' benefiċjarji, jiġifieri s-27 Stat Membru.

- **Simplifikazzjoni**

L-istrument tfassal b'tali mod li jibqa' sempliċi ħafna, b'valutazzjoni inizjali tal-ħtiġijiet min-naħa ta' task forces u wara l-adozzjoni ta' programm ta' ħidma. Il-ġestjoni diretta se tissegjes fuq l-għotjiet u se tippermetti li jiġu applikati diversi simplifikazzjonijiet previsti fir-Regolament Finanzjarju u fir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, b'mod partikolari l-eċċezzjonijiet għas-sejħiet għall-proposti.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt partikolari fuq id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas pluriennali li jmiss tippredvi EUR 9 318-il miljun (fi prezzijiet kurrenti) għall-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-perjodu mill-2021 sal-2027. F'dan il-pakkett globali, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament speċifiku huma ta' EUR 1.3 biljun (fi prezzijiet kurrenti).

Għalkemm f'termini assoluti dan huwa ammont sinifikanti, huwa jirrappreżenta biss parti mid-diskrepanza stmata fl-investment. Skont l-informazzjoni li nġabret mingħand l-Istati Membri fl-2014 u fl-2015, ġie stmat li d-diskrepanza fl-investment kienet ta' madwar EUR 2.3 biljun fuq ħames snin. Madankollu, l-intervent tal-Unjoni mhux bilfors jenħteġ li jkopri d-diskrepanza kollha stmata fl-investment, minħabba li l-livell tal-intervent tal-Unjoni jenħteġ li jiġi analizzat fil-kuntest usa' tad-dazji doganali bħala riżorsi proprji, li minnhom bħalissa l-Istati Membri jżommu 20 % – li kien jirrappreżenta ammont ta' EUR 4.7 biljun fl-2015 – biex ikopru l-ispejjeż u l-investimenti tagħhom fil-qasam doganali¹¹.

Barra minn hekk, jenħteġ li l-livell tal-intervent tal-Unjoni jiġi vvalutat fi proporzjon mal-volum totali tal-kummerċ barrani tal-Unjoni, li l-kontrolli doganali jagħtu kontribut biex jiġi mmonitorjat, iżda wkoll biex jiġi ffaċilitat. Huma u jimplementaw il-politika kummerċjali tal-

¹¹ Fil-Proposta għal Deċizzjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2018) 325 final) qed jiġi propost li l-kostijiet tal-ġbir li l-Istati Membri jżommu jitnaqqsu minn 20 % għal-livell oriġinali tagħhom ta' 10 %.

Unjoni, ta' kuljum l-awtoritajiet doganali jitrattaw volum enormi ta' kummerċ – fl-2016, il-valur statistiku kollu tal-fluss kummerċjali fl-EU-28 kien ta' EUR 3.46 triljun (li minnhom EUR 1.75 triljun kienu marbutin mal-esportazzjoni u EUR 1.71 triljun kienu marbutin mal-importazzjoni) jew ta' EUR 9.5 biljun kuljum. B'hekk, l-intervent tal-UE li qed jiġi propost se jirrappreżenta inqas minn 0,01 % mill-volum tal-kummerċ barrani.

L-istrument se jiġi implimentat b'ġestjoni diretta u abbażi ta' prijoritajiet. Flimkien mal-partijiet ikkonċernati se jiġu stabbiliti programmi ta' ħidma billi jiġu vvalutati l-ħtiġijiet, u dawn il-programmi se jistipulaw il-prijoritajiet għal perjodu speċifiku.


L-istrument marbut mat-tagħmir ta' kontroll doganali se jkollu impatt fuq id-dħul tal-Unjoni u fuq dak tal-Istati Membri. Għalkemm dan l-impatt ma jstax jiġi kwantifikat, l-istrument mistenni jiffaċilita u jissimplifika l-ħidma tal-awtoritajiet doganali biex jiġbru d-dazji doganali, kif ukoll il-VAT u d-dazji tas-sisa fuq l-importazzjoni. Minħabba li se titjeb il-kwalità tal-kontrolli, l-amministrazzjonijiet doganali se jkunu iktar effiċjenti fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-ewalwazzjoni u r-rapportar**

Minħabba li dan huwa qasam ġdid ta' intervent tal-UE, se jkun importanti ħafna li jiġi żgurat li l-istrument marbut mat-tagħmir ta' kontroll doganali jkun iffukat u jagħti r-riżultati. Barra minn hekk, se jkun meħtieġ li jsiru ċerti għażliet tal-politika qabel ma jiġu implimentati għalkollox l-azzjonijiet: filwaqt li l-attivitajiet tal-programm Dwana 2020 li għaddejjin bħalissa ppermettew li titqies is-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni tal-UE fuq l-art u li din tiġi mmappjata f'termini tal-uffiċjali doganali preżenti u tat-tagħmir disponibbli f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera kkonċernat, bħalissa hemm biss informazzjoni limitata dwar il-fruntieri tal-baħar u tal-ajru u dwar iċ-ċentri postali.

F'dan il-kuntest, tfassal mudell apposta adattat għaċ-ċirkustanzi u għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-istrument. Dan jissejjes fuq ir-rekwiżit ta' koordinazzjoni ċentrali li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi u li tkun ibbażata fil-fond fuq l-għarfien espert u l-esperjenza fil-livell nazzjonali. Erba' elementi importanti li jikkorrispondu mal-erba' passi identifikati se jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali u speċifiċi identifikati:



Kull wieħed minn dawn l-erba' elementi importanti huwa spjegat fid-dettall fl-Anness 6 tal-valutazzjoni tal-impatt. Fi ftit kliem, il-proċess se jkun dan li ġej:

- l-ewwel pass se jkun li jiġu vvalutati l-ħtiġijiet ta' kull tip ta' fruntiera: dik fuq l-art, tal-baħar, tal-ajru u taċ-ċentri postali. B'mod konkret, dan se jirriproduċi l-esperjenza taċ-CELBET – it-tim ta' esperti dwar il-fruntiera fuq l-art tal-Ewropa Ċentrali u tax-

Xlokk¹², li ħoloq inventarju tat-tagħmir użat fil-fruntiera tal-UE fuq l-art billi pproċessa iktar minn 9 200 attribut minn 172 punt ta' qsim tal-fruntiera, li identifika l-karatteristiċi ewlenin ta' dawn il-punti tal-qsim tal-fruntiera u ppropona tipoloġija għalihom (pereżempju punti tal-qsim tal-fruntiera bit-triq jew bil-ferrovija, bit-traffiku bit-trakkijiet jew bi traffiku mhux kummerċjali biss), li identifika l-istandards tat-tagħmir proposti għal kull kategorija u li fl-aħħar għamel analiżi tad-diskrepanzi li kien hemm bejn l-inventarju u l-istandards iddefiniti li ppermettiet li jiġu stmati l-fondi meħtieġa;

- it-tieni pass se jiffoka fuq il-programmazzjoni u se jwassal b'mod ewlieni għall-iżvilupp tal-programm ta' ħidma u tal-ftehimiet tal-għotja korrispondenti. Minħabba li se jkun hemm valutazzjoni separata għal kull tip ta' fruntiera, ix-xogħol mhux se jkun limitat għall-verifika tal-eliġibbiltà, iżda se jkun ikopri minflok l-organizzazzjoni tal-allokkazzjoni tal-fondi skont il-prijoritajiet doganali, it-treddid fil-qasam doganali u l-volumi tal-kummerċ. Barra minn hekk, se jkun meħtieġ li jsiru ċerti għażliet tal-politika meta jiġi adottat il-programm ta' ħidma;
- it-tielet pass se jkun l-implimentazzjoni: ladarba jiġu ffirmati l-ftehimiet tal-għotja, l-Istati Membri se jiksibu t-tagħmir skont il-kundizzjonijiet kuntrattwali;
- ir-raba' u l-aħħar pass se jkun il-monitoraġġ u l-kontroll.

Sabiex ikunu żgurati monitoraġġ u rapportar regolari, il-proposta tistabbilixxi qafas speċifiku għall-monitoraġġ tar-riżultati li jinkisbu permezz tal-istrument u tal-azzjonijiet li jkunu saru fil-kuntest tiegħu. It-tali monitoraġġ u r-rapportar se jissejsu fuq indikaturi li jkejlu l-effetti tal-azzjonijiet li jkunu saru fil-kuntest tal-istrument meta mqabblin ma' xenarji ta' referenza ddefiniti minn qabel. Ir-rekwiżiti proporzjonati tar-rapportar se jkunu jinkludu xi informazzjoni minima dwar it-tagħmir li jkun jiswa iktar minn ċertu ammont ta' flus.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni interim u evalwazzjoni finali. Dawn l-evalwazzjonijiet se jitwettqu skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016¹³, li fih it-tliet istituzzjonijiet ikkonfermaw li l-evalwazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni u tal-politika eżistenti jenħtieġ li jiffurmaw il-bażi tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-għażliet għal iktar azzjoni. Fl-evalwazzjonijiet se jiġu vvalutati l-effetti tal-istrument fir-realtà, abbażi ta' indikaturi u ta' miri u ta' analiżi ddettaljata ta' kemm l-istrument jista' jidher li huwa rilevanti, effettiv u effiċjenti, ta' jekk jipprovdi biżżejjed valur miżjud tal-UE u ta' jekk huwiex koerenti mal-politiki l-oħrajn tal-UE. Dawn se jinkludu t-tagħlim miksub sabiex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u l-problemi, kif ukoll il-potenzjal li jista' jkun hemm biex ikompli jidher l-azzjonijiet jew ir-riżultati tagħhom u biex ikun jista' jidher kemm jista' jkun l-impatt tagħhom. Dawn se jinkludu wkoll l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-kostijiet regolatorji, tal-benefiċċji u tal-iffrankar.

• **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Kapitolu I: Dispożizzjonijiet ġenerali

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri flimkien mar-Regolament (UE) [2018/XXX] li jistabbilixxi l-istrument ta' appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-vizi¹⁴. Iż-żewġ strumenti huma marbutin mill-qrib ma' xulxin: l-istrument

¹² https://ec.europa.eu/taxation_customs/expert-teams-europa_en.

¹³ Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

¹⁴ COM(2018) 473.

li din il-proposta tkopri joffri appoġġ għat-tagħmir maħsub għall-kontroll tal-oġġetti fil-fruntieri tal-Unjoni, filwaqt li x-xiri tat-tagħmir appoġġat mill-istrument l-ieħor (li jappoġġa wkoll azzjonijiet oħrajn marbutin mal-ġestjoni integrata tal-fruntieri) se jiffoka biss fuq il-kontrolli fil-kuntest tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-viżi. Peress li se jintużaw bażijiet differenti mit-Trattat minħabba l-firxa wiesgħa ta' għanijiet li jridu jiġu koperti, jeħtieġ li l-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri jiġi stabbilit bħala qafas komprensiv ta' finanzjament magħmul minn żewġ proposti settorjali speċifiċi.

B'hekk dan l-istrument huwa orjentat b'mod ewlieni lejn l-appoġġ għall-Unjoni Doganali u għall-awtoritajiet doganali. Għalhekk, b'konformità mal-bażi ġuridika, it-tagħmir se jkun maħsub b'mod ewlieni għall-kontrolli doganali. Madankollu, dan għandu jinftehem li jkopri mhux biss il-leġiżlazzjoni doganali iżda wkoll il-leġiżlazzjoni l-oħra marbuta mal-moviment tal-oġġetti bejn it-territorju doganali tal-Unjoni u t-territorju 'l barra minnu, jiġifieri l-leġiżlazzjoni l-oħra marbuta mal-aspetti esterni tas-suq intern, mal-politika kummerċjali komuni u ma' politiki komuni oħrajn tal-Unjoni li jaffettwaw il-kummerċ, u mas-sigurtà ġenerali tal-katina tal-provvista.

L-istrument għandu l-għan li jappoġġa lill-Unjoni Doganali u lill-awtoritajiet doganali sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza u sabiex l-Unjoni titħares mill-kummerċ illegali u inġust filwaqt li jiġu ffaċilitati l-attivitajiet kummerċjali leġittimi. B'mod konkret, l-istrument se jikkontribwixxi biex ikun hemm kontrolli doganali adegwati u ekwivalenti permezz tax-xiri, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament ta' tagħmir ta' kontroll doganali li jkun rilevanti, modern u affidabbli.

L-istrument se jiġi implimentat permezz tal-ġestjoni diretta, b'mod partikolari permezz tal-ġhotjiet. Sabiex ikunu żgurati l-effiċjenza tat-tagħmir kollu mixtri bl-appoġġ tal-programmi tal-Unjoni u l-interoperabbiltà tat-tali tagħmir, il-Kummissjoni se tistabbilixxi mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fil-kuntest tat-tnejn tal-programmi ta' ħidma.

Kapitolu II: Eliġibbiltà

L-istrument se jippermetti l-finanzjament tax-xiri, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament tat-tagħmir eliġibbli, li se jkun maħsub b'mod ewlieni għat-tweġiq tal-kontrolli doganali. Minħabba li ħafna mit-tagħmir ta' kontroll doganali jista' jintuża bl-istess mod jew b'kombinazzjoni wkoll għall-kontrolli tal-konformità ma' leġiżlazzjoni oħra (pereżempju mad-dispożizzjonijiet dwar il-viżi jew dwar il-pulizija), it-tagħmir li jkollu skopijiet oħrajn minbarra l-kontrolli doganali mhuwiex eskluż – għall-kuntrarju, l-użu tiegħu għat-tali skopijiet huwa permess b'mod espliċitu. Dan se jkabbar kemm jista' jkun l-impatt tal-azzjonijiet li dan l-istrument jista' jiffinanzja.

Sabiex ikun żgurat li l-fondi jiġu allokatu b'mod iffukat u abbażi ta' prijoritajiet, l-istrument jinkludi kriterji speċifiċi tal-eliġibbiltà kif ukoll il-kostijiet li mhumiex eliġibbli. B'mod konkret, minbarra lista ċara tal-kostijiet li mhumiex eliġibbli, it-tagħmir għandu jkun eliġibbli biss jekk ikollu x'jaqsam tal-inqas ma' wieħed mis-sitt skopijiet li ġejjin: l-ispezzjoni mhux invażiva; l-indikazzjoni ta' oġġetti moħbija fuq il-persuni; id-detezzjoni tar-radjazzjoni u l-identifikazzjoni tan-nuklidi; l-analiżi tal-kampjuni fil-laboratorji; il-kampjunar u l-analiżi tal-kampjuni fuq il-post; u t-tiftix b'apparat portabbli. L-Anness 1 jistabbilixxi lista indikattiva tat-tagħmir għal kull skop ta' kontroll doganali. Minħabba li l-ħtiġijiet jistgħu jevolvu maż-żmien, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tirrevedi din il-lista ta' skopijiet tal-kontrolli, kif ukoll l-Anness 1, permezz ta' atti delegati.

Meta jkun xieraq, minbarra x-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir eliġibbli, l-istrument se jappoġġa wkoll ix-xiri jew l-aġġornament tat-tagħmir ta' kontroll doganali għall-ittestjar ta' unitajiet individwali ġodda tat-tagħmir jew ta' funzjonalitajiet ġodda f'kundizzjonijiet operattivi. Dan il-pass huwa meħtieġ qabel ma l-Istati Membri jibdew jixtru t-tali tagħmir ġdid fuq skala kbira. L-ittestjar f'kundizzjonijiet operattivi huwa pass addizzjonali lil hinn mill-azzjonijiet ta' riċerka li jitwettqu fil-qafas tal-programm Orizzont. Sabiex jinkisbu l-benefiċċji kollha li jista' jkun hemm mill-finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll biex jiġi evitat li jkun hemm finanzjament doppju, bħala parti mit-tnejn tal-programmi ta' ħidma, il-Kummissjoni se tiżgura li ż-żewġ strumenti jkunu kkoordinati kif xieraq bejniethom.

Sabiex jinkiseb l-oġġetiv valur miżjud possibbli tal-UE, l-istrument se jkun miftuħ għall-amministrazzjonijiet kollha tal-Istati Membri li jkunu qed iwettqu dmirijiet fil-qasam tad-dwana u dmirijiet relatati magħhom. Sabiex tkun eliġibbli għall-finanzjament, awtorità doganali ta' Stat Membru se jkollha tippovdi l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet stabbilita fl-Artikolu 11(3).

Ir-Regolament (UE) [2018/XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵ jistabbilixxi l-programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana biex jiġu appoġġati l-Unjoni Doganali u l-awtoritajiet doganali. Sabiex jitħarsu l-koerenza u l-koordinazzjoni orizzontali tal-azzjonijiet ta' kooperazzjoni, jixraq li dawn l-azzjonijiet jiġu implimentati kollha fil-kuntest ta' att legali wieħed u ta' sett wieħed ta' regoli. Għalhekk, dan l-istrument se jappoġġa biss ix-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir eliġibbli ta' kontroll doganali, filwaqt li l-programm Dwana għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana se jappoġġa l-azzjonijiet relatati magħhom, bħall-azzjonijiet ta' kooperazzjoni biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet jew it-taħriġ marbut mat-tagħmir ikkonċernat.

Kapitolu III: Għotjiet

L-għotjiet se jingħataw skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju. Minħabba l-identità speċifika tal-benefiċjarji tal-istrument, li huma awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, u skont id-derogi previsti fir-Regolament Finanzjarju, l-għotjiet se jingħataw mingħajr sejħa għall-proposti.

Għalkemm diversi programmi jistgħu jikkontribwixxu għal azzjoni waħda, jenħtieġ li jiġi eskluż il-finanzjament doppju. Għalhekk hemm dispożizzjoni apposta li tevita li l-fondi tal-Unjoni pprovdu minn diversi strumenti jintużaw biex ikopru l-istess kostijiet.

Kapitolu IV: Programmazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u kontroll

L-istrument se jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma li l-Kummissjoni tadotta skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

It-tnejn tal-programmi ta' ħidma se tkun appoġġata minn valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet kif spjegat fil-qosor hawn fuq u kif spjegat fid-dettall fl-Anness 6 tal-valutazzjoni tal-impatt.

¹⁵ COM(2018) 442.

Dawn il-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet se jitwettqu fil-kuntest tal-programm Dwana 2020 u, mill-2021 'il quddiem, fil-kuntest tal-programm Dwana l-ġdid.

Qed jiġi implimentat qafas komprensiv għall-monitoraġġ, għall-evalwazzjoni u għar-rapportar sabiex ikun żgurat li l-istrument jilħaq l-għanijiet tiegħu. B'mod partikolari, is-sistema ta' rapportar dwar l-evalwazzjoni għandha tiżgura li d-*data* għall-evalwazzjoni tal-istrument tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu u li din tinġabar bil-livell ix-xieraq ta' granularità, u t-tali *data* u t-tali informazzjoni għandha tintbagħat lill-Kummissjoni b'mod li jkun konformi mad-dispożizzjonijiet legali l-oħrajn – pereżempju, meta jkun hemm bżonn, id-*data* personali għandha ssir anonima. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti proporzjonati tar-rapportar fuq dawk li jirċievu l-fondi tal-Unjoni.

Kapitolu V: Eżerċizzju tad-delega u proċedura ta' kumitat

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati għall-finijiet li ġejjin:

- biex tirrevedi l-iskopijiet tal-kontrolli, jiġifieri l-kriterji essenzjali tal-eliġibbiltà, minħabba li dawn jistgħu jevolvu ħafna maż-żmien fid-dawl tal-prijoritajiet doganali, tat-theddid fil-qasam doganali u tat-teknoloġija; kif ukoll
- biex temenda l-Anness 2 biex tirrevedi l-indikaturi jew biex tikkumplimentahom, meta dan jitqies li jkun meħtieġ, u biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni.

Il-Kumitat se jgħin lill-Kummissjoni. Sabiex ikunu żgurati l-koerenza u l-koordinazzjoni orizzontali tal-azzjonijiet doganali kollha li jsiru kemm fil-kuntest ta' dan l-istrument kif ukoll fil-kuntest tal-programm Dwana, qed jiġi propost li jiġi stabbilit kumitat wieħed. Minħabba li diġà jeżisti kumitat fil-kuntest tal-programm Dwana 2020 u minħabba li qed jiġi propost li dan jinżamm fil-kuntest tal-programm Dwana l-ġdid, qed jiġi propost li dan il-Kumitat tal-Programm Dwana jkollu kompetenza wkoll b'rabta ma' dan l-istrument.

Kapitolu VI: Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

Se jiġi żgurat li tingħata informazzjoni mmirata li tkun koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, fosthom lill-mezzi tax-xandir u lill-pubbliku.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi l-istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali
bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 33, 114 u 207 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislativa ordinarja,

Billi:

- (1) L-2 140 uffiċċju doganali² li jinsabu fil-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea jridu jkunu mgħammra kif xieraq sabiex ikun żgurat li l-Unjoni Doganali taħdem sew. Hemm hteġa urġenti li jkun hemm kontrolli doganali adegwati u ekwivalenti mhux biss minħabba l-funzjoni tradizzjonali tad-dwana li tiġbor id-dħul, iżda dejjem iktar ukoll minħabba l-hteġa li jissaħħa b'mod sinifikanti l-kontroll tal-oġġetti li jidħlu mill-fruntieri esterni tal-UE u li joħorġu minnhom biex ikunu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza. Madankollu, fl-istess ħin, jenħtieġ li dawn il-kontrolli marbutin mal-moviment tal-oġġetti fil-fruntieri esterni ma jfixklux il-kummerċ leġittimu mal-pajjiżi terzi, iżda jiffaċilitawh.
- (2) Bħalissa hemm żbilanċ fit-twettiq tal-kontrolli doganali min-naħa tal-Istati Membri. Dan l-iżbilanċ ġej kemm mid-differenzi ġeografiċi ta' bejniethom u kemm mid-differenzi fil-kapaċitajiet u fir-riżorsi rispettivi tagħhom. Il-ħila tal-Istati Membri li jwieġbu għall-isfidi li ġejjin minn mudelli kummerċjali u ktajjen tal-valur dinjin li qed jevolvu l-ħin kollu ma tiddependix biss fuq l-element uman, iżda wkoll fuq id-disponibbiltà ta' tagħmir ta' kontroll doganali modern u affidabbli. Għalhekk, biex jiġi indirizzat l-iżbilanċ eżistenti, huwa importanti li jiġi pprovdut tagħmir ekwivalenti għall-kontrolli doganali. Dan se jtejjeb l-ekwivalenza tat-twettiq tal-kontrolli doganali fl-Istati Membri u b'hekk jevita li l-flussi tal-oġġetti jintbagħtu lejn l-iktar punti dgħajfa.
- (3) L-Istati Membri kemm-il darba tennew li għandhom bżonn ta' appoġġ finanzjarju u talbu li ssir analiżi fil-fond tat-tagħmir meħtieġ. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-

¹ ĠU C , , p .

² L-Anness tar-Rapport annwali tal-2016 dwar il-prestazzjoni tal-Unjoni Doganali, li jinsab fis-sit web li ġej: https://ec.europa.eu/info/publications/annual-activity-report-2016-taxation-and-customs-union_mt.

23 ta' Marzu 2017 dwar il-finanzjament doganali³, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni "tevalwa l-possibbiltà tal-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' tagħmir tekniku minn programmi finanzjarji futuri tal-Kummissjoni; (...) [u] ittejjeb il-koordinazzjoni, u (...) il-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Doganali u awtoritajiet oħrajn tal-infurzar tal-liġi għal skopijiet ta' finanzjament".

- (4) Skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, il-kontrolli doganali jridu jinftehem mhux biss bħala s-superviżjoni tal-leġislazzjoni doganali iżda wkoll bħala s-superviżjoni ta' leġislazzjoni oħra li tirregola d-dħul, il-ħruġ, it-tranżitu, il-moviment, il-ħażna u l-użu aħħari ta' oġġetti ttrasportati bejn it-territorju doganali tal-Unjoni u pajjiżi jew territorji 'l barra minn dak it-territorju, u l-preżenza u l-moviment fit-territorju doganali tal-Unjoni ta' oġġetti mhux tal-Unjoni u ta' oġġetti mqiegħda taħt il-proċedura tal-użu aħħari. Din il-leġislazzjoni l-oħra li tagħti kompiti speċifiċi ta' kontroll lill-awtoritajiet doganali tinkludi dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mad-dazji tas-sisa u mat-taxxa fuq il-valur miżjud, dispożizzjonijiet dwar l-aspetti esterni tas-suq intern, dispożizzjonijiet dwar il-politika kummerċjali komuni u dwar politiki komuni oħrajn tal-Unjoni li jaffettwaw il-kummerċ, dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà ġenerali tal-katina tal-provvista u dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.
- (5) L-għoti ta' appoġġ biex ikun hemm kontrolli doganali ta' livell adegwat u ekwivalenti fil-fruntieri esterni tal-Unjoni jippermetti li jitkabbru kemm jista' jkun il-benefiċċji tal-Unjoni Doganali. Barra minn hekk, intervent tal-Unjoni li jkun iddedikat għat-tagħmir ta' kontroll doganali u li jikkoreġi l-iżbilanċi li hemm bħalissa jikkontribwixxi għall-koeżjoni ġenerali bejn l-Istati Membri. Meta wieħed iqis l-isfidi li d-dinja qed tħabbat wiċċha magħhom, b'mod partikolari l-ħtieġa kontinwa li jiġu protetti l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha filwaqt li jiġi ffaċilitat il-fluss tal-kummerċ leġittimu, sar essenzjali li jkun hemm tagħmir modern u affidabbli ta' kontroll fil-fruntieri esterni.
- (6) Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit strument ġdid ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali.
- (7) Minħabba li l-għadd ta' responsabbiltajiet li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri qed jieħdu fuqhom qiegħed dejjem jiżdied, u ħafna drabi dawk ir-responsabbiltajiet jestendu għall-qasam tas-sigurtà u għandhom x'jaqsmu ma' kompiti li jitwettqu fil-fruntieri esterni, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-kontrolli doganali u l-kontrolli ta' mal-fruntiera jitwettqu b'mod ekwivalenti fil-fruntieri esterni billi l-Istati Membri jingħataw appoġġ finanzjarju adegwat min-naħa tal-Unjoni. Huwa daqstantieħor importanti li tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-fruntieri tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontrolli tal-oġġetti u tal-persuni fost l-awtoritajiet nazzjonali ta' kull Stat Membru li huma responsabbli għall-kontroll tal-fruntieri jew għal kompiti oħrajn li jitwettqu mal-fruntieri.
- (8) Għalhekk jeħtieġ li jiġi stabbilit Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond").

³ <https://www.consilium.europa.eu/media/22301/st09581en17-vf.pdf> u

⁴ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7586-2017-INIT/mt/pdf>.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

- (9) Minħabba l-partikolarijiet legali li japplikaw għat-Title V tat-TFUE, kif ukoll il-bażijiet ġuridiċi differenti li japplikaw għall-politiki dwar il-fruntieri esterni u għall-politiki dwar il-kontroll doganali, mhuwiex possibbli mil-lat legali li l-Fond jiġi stabbilit bħala strument wieħed.
- (10) Għalhekk jenħtieġ li l-Fond jiġi stabbilit bħala qafas komprensiv għall-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, magħmul mill-Istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Istrument"), li qed jiġi stabbilit b'dan ir-Regolament, u mill-istrument ta' appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi, stabbilit bir-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.
- (11) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-Istrument, li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali, skont it-tifsira tal-punt 17 tal-Ftehim interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba⁶.
- (12) Ir-Regolament (UE, Euratom) [2018/XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju") japplika għal dan l-Istrument. Dan jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar l-għotjiet.
- (13) Ir-Regolament (UE) [2018/XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ jistabbilixxi l-programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana sabiex jiġu appoġġati l-Unjoni Doganali u l-awtoritajiet doganali. Sabiex jiġi jitħarsu l-koerenza u l-koordinazzjoni orizzontali tal-azzjonijiet ta' kooperazzjoni, jixraq li dawn l-azzjonijiet jiġu implimentati kollha fil-kuntest ta' att legali wieħed u ta' sett wieħed ta' regoli. Għalhekk, jenħtieġ li dan l-Istrument jappoġġa biss ix-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir eliġibbli ta' kontroll doganali, filwaqt li l-programm Dwana għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana jappoġġa l-azzjonijiet relatati magħhom, bħall-azzjonijiet ta' kooperazzjoni biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet jew it-taħriġ marbut mat-tagħmir ikkonċernat.
- (14) Barra minn hekk, meta jkun xieraq, jenħtieġ li l-Istrument jappoġġa wkoll ix-xiri jew l-aġġornament tat-tagħmir ta' kontroll doganali għall-ittestjar ta' unitajiet individwali ġodda tat-tagħmir jew ta' funzjonalitajiet ġodda f'kundizzjonijiet operattivi qabel ma l-Istati Membri jibdew jixtru t-tali tagħmir ġdid fuq skala kbira. L-ittestjar f'kundizzjonijiet operattivi jenħtieġ li jsir b'segwitu, b'mod partikolari, għar-riżultati tar-riċerka dwar it-tagħmir ta' kontroll doganali li titwettaq fil-qafas tar-Regolament (UE) [2018/XXX]⁹.
- (15) Ħafna mit-tagħmir ta' kontroll doganali jista' jintuża bl-istess mod jew b'kombinazzjoni wkoll għall-kontrolli tal-konformità ma' leġislazzjoni oħra, bħad-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tal-fruntieri, dwar il-viżi jew dwar il-kooperazzjoni

⁵ COM(2018) 473.

⁶ Il-Ftehim interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).

⁷ COM(2016) 605 final.

⁸ COM(2018) 442.

⁹ COM(2018) 435.

bejn il-pulizija. Għalhekk, il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri nħaseb bħala żewġ strumenti kumplimentari li għandhom kamp ta' applikazzjoni differenti iżda koerenti b'rabta max-xiri tat-tagħmir. Minn naħa, l-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi stabbilit bir-Regolament [2018/XXX]¹⁰ se jeskludi t-tagħmir li jista' jintuża kemm għall-ġestjoni tal-fruntieri u kemm għall-kontroll doganali. Min-naħa l-oħra, l-istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali stabbilit b'dan ir-Regolament mhux biss se jagħti appoġġ finanzjarju lit-tagħmir li l-għan ewlieni tiegħu jkun li jintuża għall-kontrolli doganali, iżda se jippermetti wkoll li dan jintuża wkoll għal skopijiet oħrajn bħall-kontrolli mal-fruntiera u s-sigurtà. Dan it-tqassim tar-rwoli se jrawwem il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji bħala komponent tal-approċċ għal ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, kif imsemmi fl-Artikolu 4(e) tar-Regolament (UE) 2016/1624¹¹, u b'hekk se jippermetti lill-awtoritajiet doganali u lill-awtoritajiet tal-fruntieri jikkollaboraw bejniethom u se jżid kemm jista' jkun l-impatt tal-baġit tal-Unjoni permezz tal-qsim konġunt tat-tagħmir ta' kontroll u tal-interoperabbiltà tiegħu.

- (16) B'deroga mir-Regolament Finanzjarju, jenħtieġ li azzjoni tkun tista' tiġi ffinanzjata minn diversi programmi jew strumenti tal-Unjoni biex ikun jista' jkun hemm il-kooperazzjoni u l-interoperabbiltà bejn oqsma differenti u sabiex din il-kooperazzjoni u din l-interoperabbiltà jkunu jistgħu jiġu appoġġati meta dan ikun xieraq. Madankollu, fit-tali każijiet, il-kontribuzzjonijiet ma jistgħux ikopru l-istess kostijiet, skont il-prinċipju tal-projbizzjoni tal-finanzjament doppju stabbilit fir-Regolament Finanzjarju.
- (17) Minħabba l-evoluzzjoni rapida tal-prijoritajiet doganali, tat-theddid fil-qasam doganali u tat-teknoloġiji, jenħtieġ li l-programmi ta' ħidma ma jitħejjewx għal perjodi twal taż-żmien. Fl-istess ħin, il-ħtieġa li jiġu stabbiliti programmi annwali ta' ħidma żżid il-piż amministrattiv kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri, mingħajr ma dan ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Istrument. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li, fil-prinċipju, il-programmi ta' ħidma jkunu jkopru iktar minn sena finanzjarja waħda.
- (18) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹².
- (19) Għalkemm l-implimentazzjoni ċentrali hija essenzjali biex jintlaħaq l-għan speċifiku li jiġu żgurati kontrolli doganali ekwivalenti, minħabba n-natura teknika ta' dan l-Istrument, hemm bżonn ta' ħidma preparatorja fil-livell tekniku. Għalhekk jenħtieġ li l-implimentazzjoni tiġi appoġġata minn valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet li jkunu jiddependu fuq l-għarfien espert u l-esperjenza fil-livell nazzjonali permezz tal-involvement tal-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri. Jenħtieġ li dawk il-

¹⁰ COM(2018) 473.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

¹² Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet jissejsu fuq metodoloġija ċara li tkun tinkludi għadd minimu ta' passi li jiżguraw li tinġabar l-informazzjoni meħtieġa.

- (20) Sabiex ikunu żgurati monitoraġġ u rapportar regolari, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas xieraq għall-monitoraġġ tar-riżultati li jinkisbu permezz tal-Istrument u tal-azzjonijiet li jkunu saru fil-kuntest tiegħu. Jenħtieġ li t-tali monitoraġġ u r-rapportar jissejsu fuq indikaturi li jkejlu l-effetti tal-azzjonijiet li jkunu saru fil-kuntest tal-Istrument. Jenħtieġ li r-rekwiżiti tar-rapportar ikunu jinkludu xi informazzjoni dwar it-tagħmir ta' kontroll doganali li jkun jaqbeż ċertu limitu tal-kostijiet.
- (21) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹³, jeħtieġ li dan l-Istrument jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi tal-monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri. Meta jkun xieraq, dawn ir-rekwiżiti jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu bħala l-bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Istrument fil-prattika.
- (22) Sabiex tingħata tweġiba xierqa għall-prijoritajiet tal-politika, għat-theddid u għat-teknoloġiji li qed jevolvu, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-iskopijiet tal-kontrolli doganali għall-azzjonijiet li huma eliġibbli skont l-Istrument u tal-emendar tal-lista tal-indikaturi li jintużaw biex titkejjel il-kisba tal-għanijiet speċifiċi. Hu tassew importanti li matul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni ttwettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tnejjija tal-atti delegati.
- (23) Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95¹⁵, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96¹⁶ u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939¹⁷, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, fejn xieraq, l-impożizzjoni ta'

¹³ Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

¹⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

¹⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex ttiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

¹⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (l-OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe reat ieħor li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE) jista' jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (24) Ir-regoli finanzjarji orizzontali li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u jistabbilixxu, b'mod partikolari, il-proċedura biex jiġi stabbilit il-baġit u biex dan jiġi implimentat permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu verifiki tar-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE għandhom x'jaqsmu wkoll mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati b'rabta mal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, minħabba li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prerekwiżit essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u għal finanzjament effettiv min-naħa tal-UE.
- (25) Jenħtieġ li t-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jingħażlu abbażi tal-ħila tagħhom li jiksbu l-għan speċifiku tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju ta' nuqqas ta' konformità li mistenni jkun hemm. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitqies l-użu ta' somom f'daqqa, ta' rati fissi u ta' kostijiet unitarji, kif ukoll il-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.
- (26) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, li jistabbilixxi strument li jappoġġa lill-Unjoni Doganali u lill-awtoritajiet doganali, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom minħabba l-iżbilanċi oġġettivi li jeżistu bejniethom fil-livell ġeografiku iżda jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba l-livell ekwivalenti tal-kontrolli doganali u l-kwalità ekwivalenti tagħhom li approċċ ikkoordinat u finanzjament iċċentralizzat se jgħinu biex jipprovdu, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan,

¹⁸ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Istrument"), bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond"), biex jipprovi appoġġ finanzjarju għax-xiri, għall-manutenzjoni u għall-aġġornament tat-tagħmir ta' kontroll doganali.
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond flimkien mar-Regolament [2018/XXX] li jistabbilixxi l-istrument ta' appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri¹⁹.
3. Huwa jistabbilixxi l-għanijiet tal-Istrument, il-baġit għall-perjodu mill-2021 sal-2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan it-tip ta' finanzjament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "awtoritajiet doganali" tfisser l-awtoritajiet iddefiniti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;
- (2) "kontrolli doganali" tfisser l-atti speċifiċi ddefiniti fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;
- (3) "tagħmir ta' kontroll doganali" tfisser tagħmir maħsub b'mod ewlieni għat-twettiq tal-kontrolli doganali;
- (4) "tagħmir mobbli ta' kontroll doganali" tfisser kull mezz tat-trasport li, minbarra li jista' jiċċaqtaq, huwa maħsub biex ikun unità individwali tat-tagħmir ta' kontroll doganali huwa stess jew huwa mġammar għalkollox bit-tagħmir ta' kontroll doganali;
- (5) "manutenzjoni" tfisser l-interventi preventivi, korrettivi u ta' previżjoni, fosthom il-verifiki operattivi u funzjonali, is-servizzi ta' manutenzjoni, it-tiswija u t-tiġdid, iżda mhux l-aġġornament, li huma meħtieġa biex unità individwali tat-tagħmir ta' kontroll doganali tinżamm fil-kundizzjoni operattiva speċifikata tagħha jew terġa' tinġieb fiha sabiex tkun tista' tinkiseb il-ħajja utli massima tagħha;

¹⁹ COM(2018) 473.

- (6) “aġġornament” tfisser l-interventi evoluttivi meħtieġa biex unità individwali eżistenti tat-tagħmir ta’ kontroll doganali tinġieb minn kundizzjoni operattiva speċifikata antikwata għal kundizzjoni operattiva speċifikata moderna.

Artikolu 3

Għanijiet tal-Istrument

1. Bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għandu l-għan ġenerali li jappoġġa lill-Unjoni Doganali u lill-awtoritajiet doganali sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza fl-Unjoni u sabiex l-Unjoni tiġi protetta mill-kummerċ illegali u inġust filwaqt li jiġu ffaċilitati l-attivitajiet kummerċjali leġittimi.
2. L-Istrument għandu l-għan speċifiku li jikkontribwixxi biex ikun hemm kontrolli doganali adegwati u ekwivalenti permezz tax-xiri, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament ta’ tagħmir ta’ kontroll doganali li jkun rilevanti, modern u affidabbli.

Artikolu 4

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Istrument għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun ta’ EUR 1 300 000 000 fi prezzijiet kurrenti.
2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista’ jkopri wkoll l-ispejjeż ta’ tħejjija, ta’ monitoraġġ, ta’ kontroll, ta’ awditu, ta’ evalwazzjoni u ta’ attivitajiet oħrajn għall-ġestjoni tal-Istrument u għall-evalwazzjoni tal-kisba tal-għanijiet tiegħu. Barra minn hekk, dan jista’ jkopri l-ispejjeż relatati mal-istudji, mal-laqgħat tal-esperti, mal-azzjonijiet ta’ informazzjoni u ta’ komunikazzjoni, sa fejn dawn ikunu relatati mal-għanijiet tal-Istrument, kif ukoll l-ispejjeż marbutin man-netwerks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, fosthom l-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b’rabta mal-ġestjoni tal-Istrument.

Artikolu 5

Implimentazzjoni u forom ta’ finanzjament mill-UE

1. L-Istrument għandu jiġi implimentat b’ġestjoni diretta skont ir-Regolament Finanzjarju.
2. L-Istrument jista’ jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u, b’mod partikolari, permezz tal-għotjiet.
3. Meta l-azzjoni appoġġata tkun tinvolvi x-xiri jew l-aġġornament tat-tagħmir, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mekkaniżmu ta’ koordinazzjoni li jiżgura l-effiċjenza tat-tagħmir kollu mixtri bl-appoġġ tal-programmi u tal-istrumenti tal-Unjoni u l-interoperabbiltà tat-tali tagħmir.

KAPITOLU II

ELIĠIBBILTÀ

Artikolu 6

Azzjonijiet eliġibbli

1. Sabiex l-azzjonijiet ikunu eliġibbli għall-finanzjament skont dan l-Istrument, iridu jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) jimplimentaw l-għanijiet imsemmijin fl-Artikolu 3;
 - (b) jappoġġaw ix-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir ta' kontroll doganali li jkollu wieħed mill-iskopijiet tal-kontrolli doganali li ġejjin jew iktar:
 - (1) l-ispezzjoni mhux invażiva;
 - (2) l-indikazzjoni ta' oġġetti moħbija fuq il-persuni;
 - (3) id-detezzjoni tar-radjażzjoni u l-identifikazzjoni tan-nuklidi;
 - (4) l-analiżi tal-kampjuni fil-laboratorji;
 - (5) il-kampjunar u l-analiżi tal-kampjuni fuq il-post;
 - (6) it-tiftix b'apparat portabbli.

L-Anness 1 jistabbilixxi lista indikattiva tat-tagħmir ta' kontroll doganali li jista' jintuża għall-iskopijiet tal-kontrolli doganali msemmijin fil-punti (1) sa (6).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, f'każijiet iġġustifikati kif xieraq, l-azzjonijiet jistgħu jkopru wkoll ix-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir ta' kontroll doganali għall-ittestjar ta' unitajiet individwali ġodda tat-tagħmir jew ta' funzjonalitajiet ġodda f'kundizzjonijiet operattivi.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14 biex temenda l-iskopijiet tal-kontrolli doganali stabbiliti fil-paragrafu 1(b), kif ukoll l-Anness 1, meta t-tali reviżjoni titqies li tkun meħtieġa.
4. It-tagħmir ta' kontroll doganali ffinanzjat skont dan l-Istrument jista' jintuża għal skopijiet oħrajn minbarra l-kontrolli doganali, fosthom għall-kontroll tal-persuni biex jingħataw appoġġ l-awtoritajiet nazzjonali li jieħdu ħsieb il-ġestjoni tal-fruntieri, u għall-investigazzjonijiet.

Artikolu 7

Entitajiet eliġibbli

B'deroga mill-Artikolu 197 tar-Regolament Finanzjarju, l-entitajiet eliġibbli għandhom ikunu l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri meta dawn jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet kif stabbilit fl-Artikolu 11(3).

Artikolu 8

Rata ta' kofinanzjament

1. L-Istrument jista' jiffinanzja sa 80 % tal-kostijiet eliġibbli kollha ta' azzjoni.
2. Kull finanzjament li jaqbeż dan il-limitu massimu għandu jingħata biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali ġġustifikati kif xieraq.

Artikolu 9

Kostijiet eliġibbli

Il-kostijiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament skont l-Istrument:

- (a) il-kostijiet marbutin max-xiri tal-art;
- (b) il-kostijiet marbutin mal-infrastruttura, bħall-bini jew il-faċilitajiet esterni, kif ukoll mal-għamara;
- (c) il-kostijiet marbutin mas-sistemi elettroniċi, ħlief għas-softwer li huwa meħtieġ b'mod dirett biex jintuża t-tagħmir ta' kontroll doganali;
- (d) il-kostijiet tan-netwerks, bħall-mezzi ta' komunikazzjoni sikuri u mhux, jew tal-abbonamenti;
- (e) il-kostijiet tal-mezzi tat-trasport, bħall-vetturi, l-inġenji tal-ajru u l-bastimenti, ħlief għat-tagħmir mobbli ta' kontroll doganali;
- (f) il-kostijiet tal-oġġetti ta' konsum għat-tagħmir ta' kontroll doganali, fosthom tal-materjal ta' kalibrazzjoni jew ta' referenza;
- (g) il-kostijiet marbutin mat-tagħmir ta' protezzjoni personali.

KAPITOLU III

GĦOTJIET

Artikolu 10

Għoti, kumplimentarjetà u finanzjament ikkombinat

1. L-għotjiet li jaqgħu taħt l-Istrument għandhom jingħataw u jiġu ġestiti skont it-*Titolu VIII* tar-Regolament Finanzjarju.
2. Skont l-*Artikolu 195(f)* tar-Regolament Finanzjarju, l-għotjiet għandhom jingħataw mingħajr sejħa għall-proposti lill-entitajiet eliġibbli msemmijin fl-*Artikolu 7*.
3. B'deroga mill-*Artikolu 191* tar-Regolament Finanzjarju, azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni mill-programm Dwana għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana stabbilit bir-Regolament (UE) [2018/XXX]²⁰ jew minn kull programm ieħor tal-Unjoni tista' tirċievi kontribuzzjoni wkoll fil-kuntest ta' dan l-Istrument, dejjem jekk dawk il-kontribuzzjonijiet ma jkunux ikopru l-istess kostijiet. Ir-regoli ta' kull

²⁰ COM(2018) 442.

programm tal-Unjoni li jkun qed jagħti kontribuzzjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni rispettiva tiegħu għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet eliġibbli kollha tal-azzjoni u l-appoġġ mogħti mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata* skont id-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-appoġġ.

KAPITOLU IV

PROGRAMMAZZJONI, MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Artikolu 11

Programm ta' ħidma

1. L-Istrument għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemminj fl-Artikolu 110(2) tar-Regolament Finanzjarju.
2. Il-programmi ta' ħidma għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15.
3. It-tnejn tal-programmi ta' ħidma msemminj fil-paragrafu 1 għandha tkun appoġġata minn valutazzjoni tal-ħtiġijiet li għandha tkun magħmula tal-inqas mill-affarijiet li ġejjin:
 - (a) kategorizzazzjoni komuni tal-punti tal-qsim tal-fruntiera;
 - (b) inventarju eżawrjenti tat-tagħmir ta' kontroll doganali disponibbli;
 - (c) definizzjoni komuni ta' standard minimu u tal-aqwa standard għat-tagħmir tal-kontroll doganali b'referenza għall-kategorija tal-punti tal-qsim tal-fruntiera; u
 - (d) stima ddettaljata tal-ħtiġijiet finanzjarji.

Il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għandha toħroġ mill-azzjonijiet li jitwettqu fil-kuntest tal-programm Dwana 2020 li ġie stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1294/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ jew fil-kuntest tal-programm Dwana għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana stabbilit bir-Regolament (UE) [2018/XXX]²², u għandha tiġi aġġornata b'mod regolari u tal-inqas kull tliet snin.

Artikolu 12

Monitoraġġ u rapportar

1. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-Istrument lejn il-kisba tal-għanijiet ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fl-Anness 2.
2. Sabiex ikun żgurat li jiġi vvalutat b'mod effettiv il-progress tal-Istrument lejn il-kisba tal-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati

²¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni għad-dwana fl-Unjoni Ewropea għall-perjodu 2014-2020 (Dwana 2020) u jirrevoka d-Deċizzjoni Nru 624/2007/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 209).

²² COM(2018) 442.

skont l-Artikolu 14 biex temenda l-Anness 2 biex tirrevedi l-indikaturi jew biex tikkumplimentahom, meta dan jitqies li jkun meħtieġ, u biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni.

3. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-*data* għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-Istrument tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti proporzjonati tar-rapportar fuq dawk li jirċievu l-fondi tal-Unjoni.
4. Ir-rekwiżiti tar-rapportar imsemmijin fil-paragrafu 3 għandhom jinkludu tal-inqas il-komunikazzjoni annwali tal-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni f'każ li unità individwali tat-tagħmir ta' kontroll doganali tkun tiswa iktar minn EUR 10 000 mingħajr it-taxxi:
 - (a) id-dati tal-kummissjonar u tad-dekummissjonar tat-tagħmir ta' kontroll doganali;
 - (b) l-istatistika dwar l-użu tat-tagħmir ta' kontroll doganali;
 - (c) l-informazzjoni dwar ir-riżultati li ħarġu mill-użu tat-tagħmir ta' kontroll doganali.

Artikolu 13

Evalwazzjoni

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu f'waqthom sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
2. L-evalwazzjoni interim tal-Istrument għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-Istrument.
3. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Istrument, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara tmiem il-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Istrument mill-Kummissjoni.
4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

KAPITOLU V

EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA U PROĊEDURA TA' KUMITAT

Artikolu 14

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmeja fl-Artikoli 6(3) u 12(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 6(3) u 12(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandu jibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 6(3) u 12(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew u kif ukoll il-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 15

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-“Kumitat tal-Programm Dwana” imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) [2018/XXX]²³.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 16

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Dawk li jirċievu l-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-risultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-midja u lill-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Istrument, u mal-azzjonijiet u mar-risultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokat i għall-Istrument għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmijin fl-Artikolu 3.

²³ COM(2018) 442.

Artikolu 17

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Jekk ikun meħtieġ, l-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż previsti fl-Artikolu 4(2), sabiex jippermettu l-ġestjoni tal-azzjonijiet li jkun għadhom ma tlestewx sal-31 ta' Diċembru 2027.

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju
- 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operattivi*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri

1.2. Qasam/oqasma ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

11 Il-Ġestjoni tal-Fruntieri

11.02 Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri

11.02.11 L-istrument marbut mat-tagħmir ta' kontroll doganali

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar:

X azzjoni ġdida

azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja¹

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn/ma' azzjoni oħra jew azzjoni ġdida

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.4.1. *Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssofisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-proseguwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-istrument se jiġi implimentat permezz ta' att ta' implimentazzjoni li jadotta programm ta' ħidma. Huwa ppjanat li l-adozzjoni sseħħ fl-ewwel trimestru tal-2021 wara li jiġu vvalutati l-ħtiġijiet (fil-kuntest tal-programm attwali Dwana 2020) u wara li jiġi kkonsultat il-Kumitat tal-Programm Dwana. L-eżekuzzjoni tal-programm ta' ħidma se titwettaq billi, sa mhux aktar tard mit-tieni trimestru tal-2021, jiġu konklużi ftehimiet tal-għotja mal-benefiċjarji.

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*): Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li titjeb l-ekwivalenza tat-twertiq tal-kontrolli doganali fl-Istati Membri sabiex il-flussi tal-oġġetti ma jintbagħtux lejn l-iktar punti dgħajfa u, għalhekk, qed tipproponi dan l-Istrument il-ġdid. Fil-fatt, il-fatt li jiġi żgurat li jkun hemm tagħmir u infrastruttura doganali ekwivalenti huwa element importanti biex jiġi indirizzat l-iżbilanċ eżistenti. Dan l-iżbilanċ ġej, b'mod parzjali, minħabba d-differenzi fil-kapaċitajiet u fir-riżorsi li l-Istati Membri differenti għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Il-ħila tagħhom li jwieġbu għall-isfidi li ġejjin minn mudelli kummerċjali u ktajjen tal-valur dinjin li qed jevolvu l-ħin kollu ma tiddependix biss fuq l-element

¹ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

uman, iżda wkoll fuq id-disponibbiltà ta' tagħmir ta' kontroll modern u affidabbli. Il-volumi tal-oġġetti li qegħdin dejjem jiżdi, kif ukoll il-ħtieġa dejjem ikbar ta' kontrolli mal-fruntiera, jissejsu mhux biss fuq il-funzjoni tradizzjonali tad-dwana li tiġbor id-dħul, iżda wkoll fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ bil-kbir il-kontroll tal-prodotti li jidħlu mill-fruntieri esterni tal-UE u li joħroġu minnhom biex ikunu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza. Fl-istess ħin, dawn il-kontrolli li jirregolaw il-moviment tal-oġġetti fil-fruntieri esterni jeħtieġ li ma jfixklux il-kummerç leġittimu, iżda jiffaċilitawh.

Valur miżjud iġġenerat tal-Unjoni mistenni (*ex post*): Dan jista' jintlaħaq fl-Unjoni Doganali biss billi jkun żgurat li anke l-iktar konnessjoni dgħajfa tkun b'saħħitha biżżejjed biex taqdi l-funzjoni tagħha. B'hekk l-Istrument se jappoġġa lill-Unjoni Doganali u se jikkumplementa b'mod ewlieni lill-azzjonijiet tal-programm Dwana.

1.4.3. *Tagħlimiet meħudin minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

Mhux applikabbli.

1.4.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

L-Istrument huwa marbut mill-qrib mal-programm Dwana l-ġdid li se jappoġġa l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet. Barra minn hekk, huwa marbut ukoll mal-attivitajiet li l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (l-OLAF) iwettaq b'rabta mal-ġlieda kontra l-frodi sabiex jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni skont l-Artikolu 325 tat-TFUE.

1.5. Durata u impatt finanzjarju

durata limitata

- fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027
- Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2021 sal-2030 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)²

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- lil pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- lil organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- lill-korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- lil korpi tal-liġi pubblika;
- lil korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lil korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lil persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

--

² Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tiegħu, se titwettaq evalwazzjoni interim tal-Istrument li tanalizza l-kisba tal-għanijiet tiegħu, l-effiċjenza tiegħu u l-valur miżjud tiegħu fil-livell tal-Unjoni.

Evalwazzjoni finali jenħtieġ li tittratta l-impatti fit-tul tal-Istrument u s-sostenibbiltà tal-effetti tiegħu. Din għandha titwettaq fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Istrument, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara tmiem il-perjodu ta' finanzjament.

Dawn l-evalwazzjonijiet jenħtieġ li jissejsu, fost l-oħrajn, fuq l-indikaturi stabbiliti għall-monitoraġġ u għar-rapportar.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposti*

F'dak li għandu x'jaqsam mal-element tat-tagħmir ta' kontroll doganali, l-għażla ppreferuta hija l-ġestjoni diretta permezz tal-għoti ta' għotjiet lill-awtoritajiet nazzjonali għax-xiri, għall-manutenzjoni u għall-evoluzzjoni tat-tagħmir ta' kontroll doganali.

L-intervent il-ġdid tal-UE għandu l-għan li jindirizza l-iżbilanċi li hemm bħalissa fost l-Istati Membri u li jiżgura li l-kontrolli doganali jitwettqu b'mod ekwivalenti fl-Unjoni Doganali kollha. Naturalment, dan l-għan jeżiġi koordinazzjoni li tmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, li tista' tintlaħaq bl-aħjar mod permezz ta' approċċ iċċentralizzat ġestit b'mod dirett. Minħabba li jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali – u mhux l-Unjoni, ikomplu jkunu s-sidien diretti tat-tagħmir li jużaw biex iwettqu dmirijiethom mal-fruntieri tal-UE, l-intervent tal-UE se jieħu l-forma ta' għotjiet lill-Istati Membri bħala appoġġ għax-xiri, għall-manutenzjoni u għall-evoluzzjoni tat-tagħmir ta' kontroll doganali skont standards iddefiniti minn qabel għal kull tip ta' fruntiera.

Il-ġestjoni diretta hija l-mekkaniżmu eżekuttiv għall-azzjonijiet eżistenti fil-qasam doganali, kemm fil-kuntest tal-programm Dwana u kemm fil-kuntest tal-programm Erkole III. Dan huwa wkoll approċċ xieraq minħabba li, f'dan il-każ, se jkun jinvolvi biss għadd limitat ta' benefiċjarji, jiġifieri s-27 Stat Membru, u b'hekk se jippermetti li jiġu applikati diversi simplifikazzjonijiet previsti fir-Regolament Finanzjarju u fir-regoli tiegħu marbutin mal-applikazzjoni, b'mod partikolari l-eċċezzjonijiet għas-sejħiet għall-proposti.

Sabiex il-ġestjoni diretta mill-Kummissjoni tinbena bis-sħiħ fuq l-għarfien u fuq l-esperjenza operattiva tal-awtoritajiet nazzjonali u b'hekk tilħaq il-ħtiġijiet reali tagħhom, se jkun hemm timijiet ta' esperti magħmulin mill-Istati Membri li jappoġġawha fil-kompiti preparatorji (pereżempju fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u fid-definizzjoni tal-istandards tat-tagħmir minimu skont it-tip ta' fruntiera). Il-Kummissjoni, li se talloka l-fondi permezz ta' għotjiet ibbażati fuq il-prijoritajiet tal-politika doganali, it-theddid fil-qasam doganali u l-volumi tal-kummerċ, se tieħu d-deċiżjoni finali tal-politika fil-kuntest ta' proċedura tal-komitoloġija.

Se jitqiesu wkoll il-kofinanzjament, jiġifieri l-kontribuzzjonijiet nazzjonali li jissupplimentaw l-intervent tal-UE, u l-kundizzjonalitajiet ex ante, bħall-wiri ta' biżżejjed kapaċità amministrattiva f'termini ngħidu aħna tal-għadd ta' impjegati u tal-ħiliet. Dan jiżgura li l-provvista tat-tagħmir ta' kontroll doganali sseħħ biss bl-impenn sħiħ tal-Istati Membri u meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet rilevanti, u b'hekk jiġi żgurat li t-tagħmir jintuża fir-realtà u li l-intervent tal-UE jkollu impatt reali.

Fil-każ tal-għotjiet, huwa previst li, fl-ewwel sena tal-ftehim tal-għotja jkun hemm il-prefinanzjament, iżda b'mod pjuttost limitat (ta' madwar 20 %, li għandu jiġi ddefinit fil-programmi ta' ħidma), minħabba li l-akkwist pubbliku tat-tagħmir ta' kontroll doganali min-naħa tal-awtoritajiet doganali ġeneralment jieħu fit-tul u għalhekk is-soltu jdum għaddej iktar minn l-ewwel sena tal-ftehim tal-għotja.

Il-pagamenti finali jew l-irkupri għall-għotjiet isiru abbażi ta' rapporti finanzjarji flimkien ma' awditi ex post fuq il-post.

Minħabba li dan l-Istrument huwa programm ġdid, x'aktarx li l-istrateġija ta' kontroll se jkollha tiġi rfinata maż-żmien abbażi tal-eżiti inizjali tiegħu. B'mod konkret, din se tissejjes fuq approċċ doppju:

- ir-rapporti finanzjarji nazzjonali se jingħalqu wara analiżi mhux fuq il-post segwita mill-pagament finali jew mill-ordni ta' rkupru (u b'hekk se jitnaqqas id-dewmien fil-pagamenti); it-tali pagamenti jew ordnijiet ta' rkupru jibqgħu jiġu vverifikati permezz tal-kontrolli ex ante li jiffurmaw parti miċ-ċirkwiti finanzjarji;
- il-kontrolli msemmin hawn fuq jiġu appoġġati minn awditi ex post fuq il-post fl-Istati Membri; id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali jimmira li, ta' kull sena, iwettaq missjonijiet tal-awditjar fuq il-post f'madwar nofs l-Istati Membri.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji marbutin mat-tranżazzjonijiet finanzjarji li jimplementaw l-Istrument huma limitati, b'mod partikolari minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

- il-benefiċjarji huma l-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri u f'dan il-każ ma jsirux sejħiet għall-proposti;
- minħabba li, fil-programm ta' ħidma, il-finanzjament se jiffoka fuq prijoritajiet konġunti identifikati b'mod speċifiku wara valutazzjoni tal-ħtiġijiet, ħafna mill-azzjonijiet se jkunu jistgħu jitqabblu bejn Stat Membru u ieħor u d-devjazzjonijiet se jkunu viżibbli u se jkunu jistgħu jiġu identifikati b'mod faċli;
- se jkun hemm l-obbligu li tintuża sistema elettronika biex jiġu rreġistrati l-azzjonijiet u biex jitħejjew ir-rapporti finanzjarji, u din is-sistema fiha diversi kontrolli u se tiffaċilita l-monitoraġġ tan-nefqa;
- il-finanzjament mistenni jiffoka l-iktar fuq unitajiet individwali tat-tagħmir ta' kontroll doganali li jiswew ħafna flus, u dan se jnaqqas l-għadd ta' unitajiet individwali li jinxtaw, li ssirilhom manutenzjoni jew li jiġu aġġornati, u b'hekk se jiffaċilita l-monitoraġġ u l-kontroll;
- il-proposta diġà tipprevedi obbligi minimi tar-rapportar u l-programmi ta' ħidma u l-ftehimiet tal-għotja se jikkomplementaw dan sabiex jillimitaw u jtaffu r-riskji li jista' jkun hemm.

2.2.3.

2.2.4. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta’ żball (mal-ħlas u fl-ġheluq)*

Il-kost annwali totali tal-kontrolli fil-kuntest tal-programm Dwanapreċedenti mistenni jibqa’ pjuttost limitat minħabba r-riskju limitat ta’ żball, kif indikat hawn fuq, meta wieħed iqis in-natura u l-metodu ta’ implimentazzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati.

Is-sistema globali ta’ kontroll intern, li hija bbażata fuq kontrolli ex ante li jiffurmaw parti miċ-ċirkwiti finanzjarji, timmira li telimina l-iżbalji potenzjali qabel il-pagament jew qabel l-ġheluq. Il-kontrolli ex post fuq il-post għall-ġhotjiet ikomplu jnaqqsu r-riskju potenzjali ta’ żball mal-pagament jew mal-ġheluq minħabba l-effett qawwi ta’ deterrent li għandhom.

Għall-finijiet tat-tqabbil, l-istrateġija ta’ kontroll applikata fil-kuntest tal-programm Dwana preċedenti wriet li hija effettiva u effiċjenti u l-kost tal-kontroll deher li huwa limitat. Minħabba li se jintużaw l-istess sistemi ta’ kontroll għall-Istrument il-ġdid, il-kost antiċipat tal-kontrolli u l-livell mistenni tar-riskju ta’ żball mal-pagament jew mal-ġheluq fil-kuntest tal-Istrument il-ġdid mistennija jkunu simili.

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet**

Speċifika l-miżuri ta’ prevenzjoni u ta’ protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

L-istrateġija ta’ kontra l-frodi (AFS) tad-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali tiffoka fuq l-iżvilupp ta’ kultura b’saħħitha kontra l-frodi fid-Direttorat Ġenerali permezz ta’ attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji potenzjali tal-frodi u dwar l-imġiba etika fost il-persunal tad-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali. Barra minn hekk, l-istrateġija tipprevedi kooperazzjoni attiva mal-OLAF u l-integrazzjoni ta’ aspetti marbutin mal-frodi fiċ-ċiklu tal-ippjanar u l-ippogrammar strateġiċi (SPP) tad-Direttorat Ġenerali.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji l-ġodda tan-nefqa proposti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ¹	mingħand il-pajjiżi tal-EFTA ²	mingħand il-pajjiżi kandidati ³	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
4	11.01.02 Nefqa ta' appoġġ għall-istrument marbut mat-tagħmir ta' kontroll doganali	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
4	11.02.11 L-istrument marbut mat-tagħmir ta' kontroll doganali	Diff.	LE	LE	LE	LE

¹ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

² L-EFTA = l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

³ Il-pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, il-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	4	“Il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri”
--	---	---

				2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Approprjazzjonijiet operattivi għal-linja baġitarja 11.02.11	Impenji	(1)		174.903	178.403	181.973	185.614	189.329	193.117	195.961		1.299.300
	Pagamenti ¹	(2)		42.481	129.274	162.474	170.688	175.066	178.602	182.209	258.506	1.299.300
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-istrument ^{2,3} għal-linja baġitarja 11.01.02	Impenji = Pagamenti	(3)		0.100	0.100	0.100	0.100	0.100	0.100	0.100		0.700
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-pakkett tal-istrument	Impenji	= 1+3		175.003	178.503	182.073	185.714	189.429	193.217	196.061		1 300.000
	Pagamenti	= 2+3		42.581	129.374	162.574	170.788	175.166	178.702	182.309	258.506	1.300.000

¹ Il-profil tal-pagamenti għal dan il-programm il-ġdid fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021 sal-2027 jissejjes fuq estrapolazzjoni tal-profil storiċi tal-pagamenti tal-programmi b'mekkaniżmi eżekuttivi simili f'oqsma simili tal-politika, b'mod partikolari dawk tad-dwana, tat-tassazzjoni u tal-ġlieda kontra l-frodi, għall-perjodu mill-2007 sal-2017.

² Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

³ Pereżempju t-traduzzjonijiet u n-netwerks u s-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jintużaw għall-ġestjoni tal-istrument (bħall-“ABAC”, l-“eGrants” u l-“AGM”).

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	---	-------------------------

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Riżorsi umani		3.575	3.575	3.575	3.575	3.575	3.575	3.575		25.025
Nefqa amministrattiva oħra		0.100	0.100	0.100	0.100	0.100	0.100	0.100		0.700
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	3.675	3.675	3.675	3.675	3.675	3.675	3.675		25.725

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet fl-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	178.678	182.178	185.748	189.389	193.104	196.892	199.736		1325.725
	Pagamenti	46.256	133.049	166.249	174.463	178.841	182.377	185.984	258.506	1325.725

3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	FI-2021	FI-2022	FI-2023	FI-2024	FI-2025	FI-2026	FI-2027	TOTAL
------	---------	---------	---------	---------	---------	---------	---------	-------

L-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	3.575	3.575	3.575	3.575	3.575	3.575	3.575	25.025
Nefqa amministrattiva oħra	0.100	0.100	0.100	0.100	0.100	0.100	0.100	0.700
Subtotal għall-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	3.675	3.675	3.675	3.675	3.675	3.675	3.675	25.725

Barra mill-INTESTATURA 7¹ tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0.100	0.100	0.100	0.100	0.100	0.100	0.100	0.700
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.100	0.100	0.100	0.100	0.100	0.100	0.100	0.700

TOTAL	3.775	3.775	3.775	3.775	3.775	3.775	3.775	26.425
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	---------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

¹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni	25	25	25	25	25	25	25
Delegazzjonijiet							
Riċerka							
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE) – AC, AL, END, INT u JED ¹							
Intestatura 7							
Iffinanzjati mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid- Delegazzjonijiet						
Iffinanzjati mill- pakkett tal- istrument ²	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid- Delegazzjonijiet						
Riċerka							
Oħrajn (speċifika)							
TOTAL	25	25	25	25	25	25	25

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	<p>Se jkun hemm bżonn ta' persunal addizzjonali għall-ġestjoni tal-Istrument u tal-implimentazzjoni tiegħu. Din il-ġestjoni se tkun tinkludi, fost l-oħrajn, il-kompiti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> - il-parteċipazzjoni fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet u s-supervizzjoni u l-koordinazzjoni tat-tali valutazzjoni: l-inventarju, it-tipoloġija u l-istandard, l-analiżi tad-diskrepanzi u l-istima tal-fondi meħtieġa għal kull tip ta' fruntiera (dik ta' fuq l-art, tal-baħar, tal-ajru u taċ-ċentri postali); - il-programmazzjoni: il-koordinazzjoni orizzontali (b'mod partikolari l-valutazzjoni tat-theddid u tal-volumi), it-tħejjija tal-programm ta' ħidma u tal-proċeduri relatati miegħu (il-komitoloġija) u t-tħejjija u n-negożjar tal-ftehimiet tal-għotja; - l-implimentazzjoni: il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet doganali u l-għoti ta' appoġġ għal din l-implimentazzjoni (pereżempju l-akkwist konġunt); - ir-rapportar u l-kontroll jew l-awditu.
-------------------------------	--

¹ AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

² Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-appropriazzjonijiet operattivi (li qabel kienu l-linji "BA").

Persunal estern	Mhux applikabbli.
-----------------	-------------------

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ma tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi
- tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ¹						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu							

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Mhux applikabbli.

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

L-Istrument se jkollu impatt indirett fuq ir-riżorsi proprji tradizzjonali tal-Unjoni minħabba li kontrolli doganali iktar effiċjenti mistennija jwasslu għal żieda fid-dazji doganali. Madankollu, dan l-effett ma jistax jiġi kkwantifikat.

¹ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis tal-kostijiet tal-ġbir.